KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.10.2004
KUMM(2004) 708 finali

2004/0248 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi r-regoli fuq il-kwantitajiet nominali ta' prodotti ppakkjati, li tirrevoka d-Direttivi 75/106/KEE u 80/232/KEE, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE

[SEG(2004) 1298]

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

In segwitu għal konsultazzjoni fil-wisa' ma' min għandu interess, kif ukoll evalwazzjoni ta' impatt, il-Kummissjoni tipproponi li tirrevoka d-Direttivi 75/106/KEE u 80/232/KEE sabiex tneħħi l-kwantitajiet nominali tad-daqsijiet tal-pakketti għall-parti l-kbira tas-setturi u sabiex iżżomm kwantitajiet nominali obbligatorji għal numru limitat ħafna ta' setturi u tinkludihom f'biċċa leġislazzjoni waħda.

1. SFOND

1.1. Leġislazzjoni eżistenti

Fis-sittinijiet, regoli nazzjonali differenti dwar il-kwantitajiet nominali ta' prodotti ppakkjati minn qabel (daqsijiet ta' pakketti/fliexken) kienu ta' xkiel kbir għall-moviment ħieles tal-prodotti bejn l-Istati Membri.

Dak iż-żmien kien hemm bżonn li dawn id-daqsijiet jiġu armonizzati. Fl-istess waqt, kien ta' interess li regoli Komunitarji bħal dawn ma jiġux imposti biss fuq kumpaniji li jaħdmu biss fuq is-suq nazzjonali, u li ma kienx fi ħsiebhom li jesportaw lejn Stati Membri oħra. L-armonizzazzjoni tar-regolamentazzjoni kienet għalhekk ta' "natura mhux obbligatorja": l-Istati Membri għandhom jadottaw ir-regoli tal-Komunità, iżda huma permessi li jżommu r-regoli nazzjonali eżistenti għas-suq nazzjonali. Kienu biss il-prodotti konformi mar-regoli tal-Komunità li setgħu jibbenefikaw miċ-ċirkolazzjoni ħielsa.

Madankollu, għal ċerti prodotti (eż. l-inbid, l-ispirti....) l-armonizzazzjoni totali ġiet introdotta: daqsijiet Komunitarji huma mandatorji għall-operaturi kollha fis-sens li huma esklussivi, jiġifieri d-daqsijiet nazzjonali kollha ġew imwarrba.

L-ewwel leġislazzjoni Komunitarja għal kategoriji ta' daqsijiet għall-prodotti ppakkjati tmur lura għall-1975. Din tinkludi regolamentazzjoni kemm għal ħtiġijiet metroloġiċi kif ukoll kategoriji ta' daqsijiet għal-likwidi. L-iskeda hawn taħt tagħti sinteżi ta' din il-leġislazzjoni.

	Likwidi għall-konsum uman	**Likwidi oħra u mhux-likwidi**
Ħtiġijiet metroloġiċi	Id-Direttiva 75/106 Annessi 1 u 2	Id-Direttiva 76/211/KE[1]
Kategoriji ta' daqsijiet/ kwantitajiet	Id-Direttiva 75/106[2] Annessi 3	Id-Direttiva 80/232/KE[3]

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 75/106/KEE ta' l-20 ta' Jannar 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta mal-kompożizzjoni b'piż jew b'volum ta' ċerti prodotti pakkettati

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 75/106/KEE ta' l-20 ta' Jannar 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta mal-kompożizzjoni b'volum ta' ċerti prodotti pakkettati

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 80/232/KEE tal-15 ta' Jannar 1980 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta mal-kategoriji ta' kwantitajiet nominali u kapaċitajiet nominali permessi għal ċerti prodotti pakkettati

Skeda 1. Sinteżi tal-leġislazzjoni

Din il-proposta tirrigwarda biss il-leġislazzjoni dwar "kategoriji ta' daqsijiet/kwantitajiet" u mhux il-ħtiġijiet metroloġiċi, li ser ikunu s-suġġett ta' proposta aktar tard.

1.2. Il-ħtieġa għar-reviżjoni

Fil-qafas ta' l-eżerċizzju SLIM-IV (Leġislazzjoni Eħfef għas-Suq Intern), tim, magħmul minn membri maħtura mill-Istati Membri u rappreżentanti ta' min għandu interess identifikati mill-Kummissjoni, il-Kunsill u esperti indipendenti, kkonsultaw dwar il-leġislazzjoni li għandha x'taqsam mad-daqsijiet tal-pakketti[4]

> *"minħabba l-kumplessità tagħhom (konċentrazzjoni fuq madwar 40 prodott, il-kumplessità ta' ċerti kategoriji ta' valuri, eċċ.) l-evoluzzjoni tat-tendenzi tal-konsumaturi u preferenzi fuq il-perjodu interim u r-riżervazzjoni fir-rigward taż-żamma ta' din it-tip ta' leġislazzjoni. Ukoll, emendi suċċessivi tad-Direttivi u tkabbir fil-firxa ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva ta' l-1975 dwar l-ippakkjar irriżultaw fl-applikazzjoni problematika ta' dan il-qasam tal-liġi....*
>
> *L-applikazzjoni tad-Direttivi rriżultat diffiċli, notevolment minħabba l-varjetà ta' regoli u prassi li japplikaw għall-kategoriji: ċerti kategoriji saru mandatorji (eż. l-inbid) filwaqt li oħrajn baqgħu kif kienu. Minbarra dan, l-Istati Membri żammew id-dritt li jistabbilixxu l-kategoriji fuq livell nazzjonali minħabba n-natura mhix mandatorja tar-regoli Komunitarji. Il-varjetà ta' regoli wasslet għal diviżjoniet fi swieq nazzjonali differenti fi ħdan il-Komunità Ewropea.*
>
> *Barra minn hekk, il-wasla ta' formati ġodda ta' ppakkjar u prodotti ġodda u l-klassifikazzjoni tagħhom fis-sistema eżistenti ta' kategoriji aktar kompliet tgħarraq is-sitwazzjoni diġà mħawda."*

Fit-tweġiba tagħha dwar il-konklużjonijiet SLIM, il-Kummissjoni indikat li kienet sejra

> *"tirrevedi bir-reqqa r-rakkomandazzjonijiet varji fir-rapport tat-tim, u fejn huwa xieraq, tipproponi miżuri meħtieġa f'kooperazzjoni fil-qrib ma' l-Istati Membri u partijiet oħra involuti".*

Din il-ħtieġa għar-reviżjoni sussegwentement reġgħet issaħħet meta l-Qorti Ewropea, fil-każ Cidrerie-Ruwet, qalet li l-"ġurisprudenza tal-Cassis de Dijon" tapplika wkoll għad-daqsijiet nazzjonali tal-pakketti jiġifieri l-Istati Membri għandhom jaċċettaw fis-swieq tagħhom prodotti li ġew magħmula legalment u kkumerċjati fi Stat Membru[5] ieħor, sakemm ma jeżistux ħtiġijiet predominanti ta' natura pubblika. Il-Qorti ssuġeriet li dan bil-kemm jista' jkun il-każ għad-daqsijiet tal-pakketti.

---

4 KOM(2000)56 finali, p. 9-11 u 21-22

5 Każ C-3/99, tat-12 ta' Ottubru 2000, Cidrerie Ruwet SA v Cidre Stassen SA u HP Bulmer Ltd.

1.3. Evalwazzjoni ta' Impatt ta' Politika Alternattiva

Bħala parti mill-politika għal regolamentazzjoni aħjar[6], il Kummissjoni implimentat evalwazzjoni ta' impatt ta' politika alternattiva[7], li wriet li dik tad-daqs ħieles hija l-aktar għażla favorevoli, għaliex tippermetti kompetizzjoni sħiħa għall-industrija u l-għażla ħielsa għall-konsumaturi mingħajr ma tikkomprometti l-għanijiet ambjentali tal-Komunità. Id-deregolamentazzjoni hija ġġustifikata fid-dawl tat-trasparenza mtejba li qed toffri l-leġislazzjoni Komunitarja tal-konsumatur li teħtieġ l-indikazzjoni ta' pprezzar ta' l-unità u li tipprojbixxi prassi u pubbliċità qarrieqa. Minbarra dan, sar ċar mis-sentenza dwar Cidrerie-Ruwet, li l-leġislazzjoni nazzjonali żżid il-konfużjoni fis-suq intern, filwaqt li daqsijiet fissi jillimitaw il-flessibiltà li prodotti jiġu adattati għal ħtiġijiet ġodda tal-konsumaturi, li hija l-prassi stabbilita tas-suq fil-biċċa l-kbira tas-setturi.

Madankollu, deher ukoll li seta' jkun hemm setturi li għalihom ir-regolamentazzjoni abbażi ta' armonizzazzjoni sħiħa għandha tinżamm. Riċerka aktar fil-fond[8] indikat li daqsijiet fissi jippermettu l-ibbilanċjar tal-pressjoni sproporzjonata fuq ix-xerrej mid-distributuri l-kbar, bħalma huma s-*supermarkets*, fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li kieku kien ikollhom jidħlu fi spejjeż eċċessivi, notevolment f'setturi bi tkabbir tad-domanda strutturalment baxx li huma mdorrija b'daqsijiet fissi. Kategoriji mandatorji għalhekk jistgħu ikunu ġustifikati fuq din il-bażi għas-setturi fejn ir-regolatur tal-Komunità diġa kien stipola daqsijiet mandatorji armonizzati: jiġifieri inbid, spirti, kafe li jinħall u zokkor abjad. L-ebda prova konvinċenti ma nstabet biex id-daqsijiet Komunitarji fissi jiġu estiżi għal setturi oħra minbarra dawn.

2. GĦANIJIET TAL-PROPOSTA

2.1. Deregolamentazzjoni u Simplifikazzjoni

Huwa propost li, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, id-daqsijiet eżistenti tal-pakketti li bħalissa jaqgħu taħt l-armonizzazzjoni mhux mandatorja fid-Direttivi 75/106/KEE u 80/232/KEE, u li tinżamm biss f'ċerti setturi speċifiċi ħafna ftit mir-regolamentazzjoni eżistenti bbażata fuq l-armonizzazzjoni totali (jiġifieri l-esklużjoni tar-regoli nazzjonali). B'konsegwenza ta' dan, il-proposta tindroduċi armonizzazzjoni sħiħa, biex b'hekk tipprojbixxi l-Istati Membri milli jgħaddu leġislazzjoni dwar id-daqsijiet tal-pakketti, minbarra dawk li huma rregolati fil-leġislazzjoni tal-KE.

Id-daqsijiet mandatorji jinżammu għal dawk is-setturi li bħalissa għandhom regolamentazzjoni mandatorja jew li għandhom impenji mill-Kummissjoni[9] li jerġgħu jintroduċu daqsijiet preċedentement mandatorji.

Madankollu, fid-dawl ta' l-esperjenza, fejn jinżammu daqsijiet fissi, il-modifiki segwenti għandhom jiġu introdotti:

---

6 Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet iffirmat f' Diċembru 2003 u Gvern Ewropew: Tfassil aħjar tal-liġijiet, KOM(2002) 275 finali, tal-5.6.2002

7 Impatti ta' Politika Alternattiva tat-28 ta' Mejju 2003 ppublikat f' Ġunju 2003

8 Rapport dwar l-evalwazzjoni ta' impatt għal setturi li jitolbu daqsijiet fissi (għadu mhux ippubblikat)

9 Inċiż fid-Direttiva 1999/4/KE tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-estratti tal-kafe u taċ-ċikwejra u fid-Direttiva 2001/111/KE ta'.... dwar ċerti tipi ta' zokkor intiżi għall-konsum mill-bniedem

1. Id-definizzjoni wżata għal setturi li bħalissa huma koperti jista' jkollha tiġi riveduta sabiex tibqa' koerenti ma' l-iżviluppi leġislattivi fil-qasam ta' l-agrikoltura: iż-żieda ta' nbejjed arormatizzati u likuri, issa inklużi fir-regolamenti dwar l-inbid.[10]

2. Meta huma ftit id-daqsijiet li jammontaw għall-ogħla bejgħ lill-konsumaturi, m'hemm l-ebda raġuni għall-iffissar tad-daqsijiet li jinbiegħu esklussivament għall-użu professjonali u f'daqsijiet "mini" (eż. 3, 4 u 5cl għall-ispirti). Huma biss id-daqsijiet mibjugħa lill-konsumaturi f'intervall qasir li għandhom jiġu ffissati filwaqt li d-daqsijiet barra minn dak l-intervall għandhom isiru ħielsa.

Peress li l-ebda opinjoni ma waslet mis-settur tal-ħjut għax-xogħol tal-labar, li bħalissa għandu daqsijiet fissi, il-Kummissjoni ma tipproponix li d-daqsijiet mandatorji għal dan is-settur għandhom jinżammu.

Minbarra dan, il-Kummissjoni tipproponi li jinżammu d-dispożizzjonijiet kurrenti fuq id-daqsijiet tal-pakketti ta' prodotti *aerosol* imsemmija fid-Direttiva 75/324/KEE. Madankollu, b'kuntrast mar-regolamentazzjoni tad-daqsijiet tal-pakketti li hija mmirata lejn il-protezzjoni ta' interessi ekonomiċi leġittimi, id-daqsijiet ta' *aerosols* u livelli ta' mili huma dettati mill-iżgurar ta' sigurtà u b'konsegwenza fil-futur ser ikunu inklużi fid-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE riveduta dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar id-distributuri ta' l-*aerosols*.

Sabiex it-trasparenza titmexxa l-quddiem, il-kwantitajiet nominali għall-prodotti ppakkjati għandhom jiġu inklużi f'test leġislattiv wieħed. Dan jeħtieġ li d-Direttiva 80/232/KE u d-Direttiva 75/106/KEE jiġu rrevokati, minħabba li l-kwantitajiet nominali ser ikunu inklużi fid-Direttiva proposta. Minħabba li l-ħtiġijiet metroloġiċi għall-prodotti likwidi li bħalissa huma stipulati fid-Direttiva 75/106/KEE huma l-istess bħal dawk fid-Direttiva 76/211/KEE huma ser ikunu koperti minn din id-Direttiva li hija emendata sabiex il-firxa ta' l-applikazzjoni tagħha titwessa' għall-inklużjoni ta' dawn il-prodotti.

2.2. Limitazzjoni fiż-Żmien

Il-kwantitajiet nominali mandatorji miżmuma huma essenzjalment derogi mill-politika ġenerali bbażata fuq l-evalwazzjoni ta' impatt fuq id-deregolamentazzjoni fuq il-kwantitajiet nominali u għalhekk għandhom jiġu limitati biż-żmien. Limitu ta' 20 sena jirrifletti iċ-ċiklu medju ta' investiment għall-apparat ta' l-ippakkjar u ser jippermetti s-setturi kkonċernati jadattaw għad-deregolamentazzjoni.

2.3. Il-Forma ta' l-Att

Il-leġislazzjoni kurrenti dwar id-daqsijiet tal-pakketti hija fil-forma ta' Direttivi. Għal raġunijiet ta' koerenza formali u legali, il-leġislazzjoni li temenda u tirrevoka din il-leġislazzjoni eżistenti għandha tkun ukoll Direttiva. Meta l-Istati Membri jkunu qed jittrasponu d-Direttiva, ser ikunu obbligati li jerġgħu jikkunsidraw il-leġislazzjoni tagħhom dwar id-daqsijiet tal-pakketti.

---

[10] Reg. 1493/99 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid u 1601/91 li tistipola r-regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' inbejjed aromatizzati, xorb abbażi ta' nbid aromatizzat u *cocktails* minn prodotti ta' nbid aromatizzat

2.4. Bażi legali

Il-bażi legali għad-Direttiva proposta hija l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE.

3. KOERENZA MAL-PRINĊIPJI KOMUNITARJI

3.1. Proporzjonalità

L-għan huwa li d-daqsijiet tal-pakketti jiġu dderegolamentizzati bl-eċċezzjoni ta' dawk is-setturi li għalihom twaqqfu daqsijiet mandatorji fuq livell Komunitarju jew li ġew miftehma politikament bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew[11]. Dan il-għan huwa msaħħaħ mir-rispons tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet tal-konsumaturi matul il-proċess ta' konsultazzjoni u mill-evalwazzjoni ta' impatt, li wriet il-ħtieġa li tiġi bbilanċjata l-pressjoni sproporzjonata fuq ix-xerrej f'setturi partikolari. L-uniku mod sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet huwa permezz ta' daqsijiet mandatorji għal dawn is-setturi fuq livell Komunitarju. Il-proposta hija ristretta għal dawk id-daqsijiet u kategoriji li fihom il-prodotti huma l-aktar mibjugħa lill-konsumaturi.

3.2. Sussidjarjetà

Meta tkun stabbilita l-ħtieġa għal daqsijiet fissi, huma biss daqsijiet fissi fuq livell Komunitarju li jistgħu jiżguraw il-moviment ħieles tal-prodotti. Fid-dawl tal-ġurisprudenza Cidrerie-Ruwet hija ta' probabbiltà baxxa ħafna li kategoriji nazzjonali jistgħu jiġu imposti fuq prodotti kummerċjalizzati legalment fi Stati Membri oħra.

4. KOERENZA MAL-POLITIKA KOMUNITARJA

4.1. Politika ta' intrapriża

Il-liberalizzazzjoni tad-daqsijiet tippromwovi l-kompetittività minħabba li tinkoraġġixxi l-intrapriża u l-innovazzjoni u tiffaċilita l-aċċess għas-swieq[12]. Id-deregolamentazzjoni tneħħi xkiel potenzjali għall-kompetittività fis-Suq Intern. Id-daqsijiet fissi miżmuma huma għall-benefiċċju ta' l-intrapriżi zgħar u ta' daqs medju.

4.2. Politika tal-Konsumatur

Aspetti ta' protezzjoni tal-konsumater ġew indirizzati f'biċċiet differenti ta' leġislazzjoni Komunitarja[13] li daħlu fl-eżistenza minn żmien il-leġislazzjoni dwar l-ippakkjar. Il-

---

11 Fl-inċiżi tad-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-estratti tal-kafe u taċ-ċikwejra u fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/111/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2001 dwar ċerti tipi ta' zokkor intiżi għall konsum mill-bniedem, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ikkunsidraw l-intenzjoni tal-Kummissjoni li terġa tistabbilixxi kwantitajiet nominali mandatorji għall-prodotti koperti minn dawn id-Direttivi

12 A. Peterse, L. Nijhuis, A. Palmigiano "Regolazzjoni u Innovazzjoni fil-qasam tad-daqsijiet ta' qabel l-ippakkettar", F. Leone (ed.), EC DG JRC-IPTS Technical Report Series, Seville, 2002, p 55-67

13 L-istrumenti ewlenin għall-protezzjoni tal-konsumaturi huma: id-Direttiva 2000/13 dwar l-ittikkettar u l-preżentazzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel (Art. 2), id-Direttiva 84/450/KEE dwar pubbliċità qarrieqa (emendata mid-Direttiva 97/55/KE sabiex tinkludi dispożizzjonijiet dwar pubbliċità ta' paragun), ser tkun emendata permezz ta' KOM (2003) 356 finali, tat-18.6.2003: Proposta għal Direttiva tal-PE u tal-Kunsill dwar prassi kummerċjali inġusta mill-intrapriża lejn il-konsumaturi fis-Suq Intern, Direttiva 98/6/KE dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offerti lill-

leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur tipprojbixxi prassi inġusta mill-intrapriża lejn il-konsumatur u tiżviluppa sistema koerenti u suffiċjenti ta' informazzjoni għall-konsumatur permezz ta' l-ittikkettar. L-indikazzjoni tal-prezzijiet għal kull kilo jew litru tippermetti lill-konsumaturi li jqabblu malajr il-prodotti ppakkjati f'daqsijiet differenti u hija fi qbil ma' l-approċċ tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li tikkunsidra "l-konsumatur medju bħala wieħed li huwa raġjonevolment infurmat u raġjonevolment osservanti u ċirkuspett" bħala referenza[14]

4.3. Politika Ambjentali

Ir-regolamentazzjoni ambjentali m'għandha l-ebda impatt fuq id-daqsijiet, u d-daqsijiet lanqas ma għandhom impatt fuq ir-regolamentazzjoni ambjentali. Ir-regolamentazzjoni ambjentali eżistenti tibqa' applikabbli u d-daqsijiet ma jfixklux l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tal-liġi ambjentali, notevolment il-prevenzjoni ta' l-iskart li teħtieġ il-minimizzazzjoni ta' l-ippakkjar.[15]

5. REFERENZA GĦALL-PROGRAMM TA' ĦIDMA

Il-preżentazzjoni ta' din il-proposta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew hija msemmija fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2003 (p.27, partita 2003/ENTR/33).

6. RELEVANZA GĦAŻ-ŻEE

Din il-proposta hija koperta mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

7. KONSULTAZZJONI ESTERNA

Bejn it-8 ta' Novembru 2002 u l-31 ta' Jannar 2003, id-DG intrapriża wettaq konsultazzjoni pubblika bl-internet fi 11-il lingwa mal-konsumaturi, produtturi u bejjiegħa, in segwitu għall-istandards ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni[16] Il-partijiet ġew mitluba li jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar iż-żamma tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-ippakkjar fuq id-daqsijiet fissi jew il-permess ta' daqsijiet tal-pakketti ħielsa. *Working paper* ta' l-istaff komprensiva tal-Kummissjoni stipulat il-kwistjonijiet ewlenin[17] u rapport ta sommarju tas-sejbiet ewlenin tal-konsultazzjoni[18]

Studju ta' l-Eurobarometer f'Ottubru 2001[19] staqsa lill-konsumaturi fl-UE dwar l-esperjenza ġenerali tagħhom bil-prodotti ppakkjati u fil-fliexken li jinbiegħu fil-ħwienet u s-*supermarkets*. L-istudju wera li l-biċċa l-kbira tal-konsumaturi jogħġbuhom id-daqsijiet standard, iżda jridu wkoll għażla akbar. Meta d-daqsijiet huma standardizzati, il-konsumaturi

---

konsumaturi (prezzijiet għal kull litru/kilogramma); prezzijiet ta' l-unità, li huma mandatorji għall-prodotti kollha fis-*supermarkets*

14 Każ C-220/98 Estée Lauder Cosmetics v Lancaster Group [2000] ECR I-117, § 30, imsemmi fil-każ C-3/99 Cidrerie-Ruwet

15 Anness 2 tad-Direttiva 94/62/KE dwar l-Ippakkettar u l-Iskart ta' l-Ippakkettar

16 KOM(2002)704finali, tal-11.12.2002

17 "Daqsijiet tal-Pakketti fl-UE", working paper tad-DG Intrapriża, Lulju 2002

18 Riżultati tal-Konsultazzjoni Pubblika fuq id-daqsijiet tal-pakketti, Mejju 2003

19 Gallup Europe: Eurobarometer FLASH Nru 113 "Les emballages et les ménages" (22-29/10/01)

jixtiequ jaraw firxa ta' għażla suffiċjenti disponibbli fil-ħwienet sabiex ikunu jistgħu jagħżlu d-daqs li jeħtieġu.

Organizzazzjonijiet tal-konsumaturi fil-25 Stat Membru u l-federazzjonijiet Ewropej tal-konsumaturi ġew mitluba l-opinjonijiet tagħhom abbażi ta' dokumenti fuq l-evalwazzjoni ta' impatt ġenerali u l-impatti fuq is-settur li talbu l-eżenzjonijiet. Tmien organizzazzjoniet (minn 6 Stati Membri) rrispondew, u kollha ħlief waħda huma favur id-daqsijiet ħielsa in ġenerali u jaċċettaw iż-żamma ta' kategoriji qosra limitatati[20]

L-Istitut Nazzjonali Rjali għall-għomja tar-Renju Unit jirrappreżenta l-interessa ta' 2 miljun persuna neqsin mid-dawl. Hija favur daqsijiet fissi mandatorji, minħabba t-trasparenza, li hija speċjalment relevanti għal min hu nieqes mid-dawl, u li għalih l-informazzjoni fuq it-tikketta hija ħafna drabi inaċċessibbli u li jsibha bi tqila li jaqra l-informazzjoni ta' pprezzar fuq l-unità. Tista' taċċetta l-limitazzjoni tal-kategorija tad-daqsijiet għall-aktar daqsijiet mibjugħa f'dawk is-setturi inklużi f'din il-proposta.

L-interessi tal-persuni bid-dijabete kienu rappreżentati fuq bażi individwali. Id-dijabete qed tiżdied u taffettwa aktar minn 5% tal-popolazzjoni, li ħafna minnhom għandhom jiġu njettati b'doża fissa ta' insulina għal kull kwantità ta' karboidrati kkunsmati. Id-daqsijiet ħielsa jippermettu l-adattazzjoni ta' l-ippakkjar għad-daqsijiet li huma faċli li jintużaw min-nies bid-dijabete u f'din il-proposta s-setturi kollha relevanti għad-dijabete jitħallew bid-daqsijiet ħielsa[21]

Ir-rispons kumplessiv mill-industrija kien pożittiv. L-industrija hija favur id-daqsijiet ħielsa, mingħajr leġislazzjoni ta' l-UE jew nazzjonali, għaliex jippermettu l-adattattazzjoni mgħaġġla għal talbiet ġodda tal-konsumaturi, innovazzjoni mħaffa u li jinħasdu bis-sħiħ l-benefiċċji ta' l-ekonomiji fil-kobor fuq is-Suq Intern. Daqsijiet Komunitarji mandatorji inaqqsu d-dħul u jeħtieġu aktar investiment, minħabba li l-industrija tkun teħtieġ tibdil mill-prassi kurrenti. Fejn din il-proposta żżomm daqsijiet Komunitarji fissi, is-setturi relevanti esprimew il-qbil sħiħ tagħhom.

Mhux is-setturi kollha esprimew opinjoni (eż. ħajt għax-xogħol bil-labar). Xi setturi setgħu ma rnexxielhomx jistabbilixxu dimensjoni li tinkludi l-UE kollha kemm hi, eż. prodotti tal-ħalib u tal-bajd, li fin-nuqqas tagħha, ftehim fuq daqsijiet armonizzati tista' tkun diffiċli ħafna. Fejn il-prassi kurrenti fuq is-suq tipprovdi riżultati sodisfaċenti, dawn jistgħu jinżammu billi, taħt din il-proposta, l-Istati Membri m'humiex permessi li jxekklu t-tqegħid fis-suq għal raġunijiet marbuta mad-daqsijiet.

---

20 ara l-Anness 2 tar-Rapport dwar l-evalwazzjoni ta' impatt għal setturi li jitolbu daqsijiet fissi

21 Il-prodotti li ġejjin fihom il-karboidrati: ħalib u prodotti tal-ħalib, ġobon, ħobż, ross, ċereali, għaġin, tagħsir tal-frott, xorb ħelu, frott u ħxejjex li huma mnixxfa jew iffriżati, priżervi u taħlit tal-frott u xaħmijiet

2004/0248 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi r-regoli fuq il-kwantitajiet nominali ta' prodotti ppakkjati, li tirrevoka d-Direttivi 75/106/KEE u 80/232/KEE, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[22],

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [23],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[24],

Jaġixxu fi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[25],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 75/106/KEE tad-19 ta' Diċembru 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-kompożizzjoni b'volum ta' ċerti likwidi ppakkjati[26] u d-Direttiva tal-Kunsill 80/232/KEE tal-15 ta' Jannar 1980 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-kategoriji ta' kwantitajiet nominali u kapaċitajiet nominali permessi għal ċerti prodotti ppakkjati[27] jistipolaw il-kwantitajiet nominali għal numru ta' prodotti likwidi u mhux likwidi ppakkjati, li l-iskop tagħhom kien l-iżgurar tal-moviment ħieles ta' prodotti li jaderixxu mal-ħtiġijiet ta' dawn id-Direttivi. Għall-biċċa l-kbira tal-prodotti, il-kwantitajiet nominali nazzjonali huma permessi jeżistu flimkien mal-kwantitajiet nominali Komunitarji. Għal ċerti prodotti madankollu, il-kwantitajiet nominali Komunitarji huma stabbiliti għall-esklużjoni tal-kwantitajiet nominali nazzjonali.

(2) Bidliet fil-preferenzi tal-konsumaturi u l-innovazzjoni fl-ippakkjar u l-bejgħ fuq livelli Komunitarji u nazzjonali ħtieġu evalwazzjoni ta' kemm għadha xierqa l-leġislazzjoni eżistenti.

---

22 ĠU C [...], [...], p. [...]
23 ĠU C [...], [...], p. [...]
24 ĠU C [...], [...], p. [...]
25 ĠU C [...], [...], p. [...]
26 ĠU L 42, tal-15.2.1975, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003
27 ĠU L 51, tal-25.2.1980, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 87/356/KEE (ĠU L 192, tal-11.7.1987, p. 48)

(3) Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kkonfermat fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2000, fil-każ C-3/99, Cidre-Ruwet[28] li Stati Membri huma prekluži mill-projbizzjoni tal-kummerċ ta' pakketti li għandhom volum nominal mhux inkluż fil-kategorija tal-Komunità, li huma manifatturati u kummerċjalizzati skond il-liġi fi Stat Membru ieħor, sakemm projbizzjoni bħal din hija maħsuba sabiex tissodisfa ħtieġa imperattiva marbuta mal-protezzjoni tal-konsumatur, tapplika mingħajr distinzjoni għal prodotti nazzjonali u importati indaqs, hija meħtieġa sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet in kwistjoni, hija proporzjonali ma' l-għan segwit, u l-għan ma jistax jintlaħaq permezz ta' miżuri li ma jxekklux daqshekk il-kummerċ intra-Komunitarju.

(4) Ħtiġijiet predominanti marbuta mal-protezzjoni tal-konsumaturi sabiex jinżammu l-kwantitajiet nominali x'aktarx m'humiex se jqumu, għaliex l-interessi tal-konsumaturi huma protetti minn numru ta' direttivi li kienu adottatI wara d-Direttiva 75/106/KEE u 80/232/KEE, notevolment id-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti offerti lill-konsumaturi[29].

(5) Evalwazzjoni ta' impatt, li tinkludi konsultazzjoni fil-wisa' ma' kull min għandu interess, indikat li l-kwantitajiet nominali ħielsa itejbu l-libertà tal-produtturi li jipprovdu prodotti skond il-gosti tal-konsumaturi u jtejbu l-kompetizzjoni fir-rigward tal-kwalità u l-prezz fuq is-suq intern.

(6) Sussegwentement, il-kwantitajiet nominali ġeneralment m'għandhomx ikunu soġġetti għar-regolamentazzjoni fuq livell Komunitarju jew nazzjonali, u għandu jkun possibbli li l-proddotti ppakkjati jitpoġġew fuq is-suq f'kull kwantità nominali.

(7) MadankollU, f'ċerti setturi, deregolamentazzjoni bħal din tista' tirriżulta f'piżijiet sproporzjonalment għolja, speċjalment għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Għal dawk is-setturi, għalhekk, leġislazzjoni Komunitarja eżistenti għandha tkun adattata fid-dawl ta' l-esperjenza, b'mod partikolari sabiex tiżgura li l-kwantitajiet nominali tal-Komunità huma ffissatti, għall-inqas għal dawk il-prodotti li l-aktar jinbiegħu lill-konsumaturi.

(8) Minħabba li ż-żamma ta' kwantitajiet nominali mandatorji għandha tkun ikkunsidrata bħala deroga, għandha tkun limitata biż-żmien, u għandu jiġi kkunsidrat iċ-ċiklu xieraq ta' l-investiment għall-makkinarju fis-setturi rispettivi. Għal dawn is-setturi, madankollu, leġislazzjoni Komunitarja eżistenti għandha tkun adattata fid-dawl ta' l-esperjenza, b'mod partikolari sabiex tillimita l-kwantitajiet nominali fissi tal-Komunità, biss għal dawk li l-aktar jinbiegħu lill-konsumaturi.

(9) Sabiex it-trasparenza titmexxa l-quddiem, il-kwantitajiet nominali għall-prodotti ppakkjati għandhom jiġu inklużi f'test leġislattiv wieħed, u d-Direttivi 75/106/KEE u 80/232/KEE għandhom jiġu rrevokati.

(10) Għal ċerti prodotti likwidi, d-Direttiva 75/106/KEE tistipola ħtiġijiet metroloġiċi identiċi għal dawk stipolati fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-20 ta' Jannar 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta mal-kompożizzjoni b'piż jew

---

28 [2000] ECR I-8749

29 ĠU L 080, tat-18.3.1998, p. 27

b'volum ta' ċerti prodotti ppakkjati[30]. Id-Direttiva 76/211/KEE għandha għalhekk tkun emendata sabiex tinkludi fil-firxa ta' l-applikazzjoni il-prodotti li bħalissa huma koperti mid-Direttiva 75/106/KEE.

(11) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni li għandha tittieħed ma jistgħux jinkisbu kif jixraq mill-Istati Membri, u għalhekk, għar-raġuni tar-revoka tal-kategoriji tal-Komunità u l-iżgurar kwantitajiet nominali Komunitarji uniformi fejn hu meħtieġ, jistgħu jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, fi qbil mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx 'l hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk il-miri,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu I – Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1
Suġġett u firxa ta' l-applikazzjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar kwantitajiet nominali għal prodotti mqiegħda f'pakketti. Għandha tapplika għal prodotti ppakkjati u pakketti, kif definiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 76/211/KEE.

Artikolu 2
Moviment ħieles tal-Prodotti

Ħlief kif imsemmi fl-Artikoli 3 u 4, l-Istati Membri ma jistgħux, abbażi ta' raġunijiet marbuta mal-kwantitajiet nominali tal-pakkett, jirrifjutaw, jipprojbixxu jew ixekklu t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti ppakkjati.

Kapitolu II – Dispożizzjonijiet Speċifiċi

Artikolu 3
It-tqegħid fuq is-suq u l-Moviment Ħieles ta' Ċerti Prodotti

Sa [20 sena wara d-data msemmija fl-Artikolu 9], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti speċifikati fil-punt 3 ta' l-Anness u pprovduti f'pakketti fil-kategoriji elenkati fil-punti 1 u 2 ta' l-Anness huma mqiegħda fuq is-suq biss jekk huma ppakkjati fil-kwantitajiet nominali elenkati fil-punti 1 u 2 ta' l-Anness.

---

30 ĠU L 46, tal-21.2.1976, p. 1. Id-Direttiva emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 78/891/KEE (ĠU L 311, ta' l-4.11.1978, p. 21)

Artikolu 4

1. L-Istati Membri ma jistgħux, abbażi ta' raġunijiet marbuta mal-kwantitajiet nominali tal-pakkett, jirrifjutaw, jipprojbixxu jew ixekklu t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti ppakkjati li huma mibjugħa f'*aerosols* u elenkati f'punt 4 ta' l-Anness, u li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva.

2. Il-konteniturі *aerosol* għandhom jindikaw il-kapaċità nominali, fi qbil mal-punt 4(a) ta' l-Anness. L-indikazzjoni għandha tkun b'tali mod li ma toħloqx konfużjoni mal-volum nominali.

3. B'deroga mill-Artikolu 8(1)(e) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE[31], prodotti li jinbiegħu f' *aerosols* u li jaderixxu ma' din id-Direttiva m'hemmx għalfejn ikunu mmarkati bil-piż nominali tal-kontenut tagħhom.

Artikolu 5

1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 3 u 4, meta żewġ pakketti jew aktar, jikkostitwixxu multi-pack, il-kwantitajiet nominali elenkati fl-Anness għandhom japplikaw għal kull pakkett individwali.

2. Meta pakkett huwa kompost minn żewġ pakketti individwali jew aktar li m'humiex intiżi għall-bejgħ separat, il-kwantitajiet nominali elenkati fl-Anness għandhom japplikaw għall-pakkett.

Kapitolu III – Revoki, emendi u dispożizzjonijiet finali

Artikolu 6
Revoki

Id-Direttivi 75/106/KEE u 80/232/KEE huma rrevokati

Artikolu 7
Emenda

Fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 76/211/KEE, il-frażi "bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 75/106/KEE ta' l-20 ta' Jannar 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta mal-kompożizzjoni b'piż jew b'volum ta' ċerti likwidi ppakjati, u" hija mħassra.

[31] ĠU L 147, tal-15.2.1975, p. 40

Artikolu 8
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa [12-il-xahar wara d-data msemmija fl-Artikolu 9] l-aktar tard, il-liġijiet regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jaderixxu ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u l-iskeda ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Għandhom japplikaw dawk id-Dispożizzjonijiet [18-il-xahar wara d-data stabbilita fl-Artikolu 9]

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 9
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

L-Artikoli 6 u 7 għandhom japplikaw b'effett minn [18-il-xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Artikolu 10
Id-Destinatarji

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS
KATEGORIJI TA' KWANTITAJIET NOMINALI TAL-KONTENUTI TAL-PAKKETTI

1. PRODOTTI MIBJUGĦA B'VOLUM (KWANTITA F' ML)

Inbid mhux frizzanti	**Fil-medda bejn 100ml sa 1500ml it-8 daqsijiet li ġejjin biss:** Ml: 100 — 187— 250 — 375 — 500— 750 — 1000 — 1500
Inbid Isfar	**Fil-medda bejn 100ml sa 1500ml fid-daqs li ġej biss:** Ml: 620
Inbid frizzanti;	**Fil-medda bejn 125ml sa 1500ml il-5 daqsijiet li ġejjin biss:** Ml: 125 — 200 — 375 —750 —1500
Inbid Likoruż	**Fil-medda bejn 100 ml sa 1500 ml is-7 daqsijiet li ġejjin biss:** Ml: 100— 200 — 375 — 500 — 750 — 1000 — 1500
Inbid aromatizzat	**Fil-medda bejn 100ml sa 1500ml is-7 daqsijiet li ġejjin biss:** Ml: 100 — 200 — 375 — 500— 500 — 1000 — 1500
Spirti	**Fil-medda bejn 100ml sa 1500ml is-7 daqsijiet li ġejjin biss:** Ml: 100 — 200 — 350 — 500 — 700 — 1500

2. PRODOTTI MIBJUGĦA BIL-PIŻ (KWANTITA F' G)

Kafe li Jinħall	**Fil-medda bejn 50g sa -300g l-4 daqsijiet li ġejjin biss:** g: 50 — 100 — 200 — 300
Zokkor Abjad	**Fil-medda bejn 250g sa 1500g il-5 daqsijiet li ġejjin biss:** g: 250 —500 —750 —1000 – 1500

3. DEFINIZZJONIJIET TAL-PRODOTTI

Inbid mhux frizzanti	Inbid kif definit fl-Artikolu 1 (2) b tar-Regolament tal-Kunsill 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid[32] (intestatura CCT: kodiċi CN ex 22.04).
Inbid Isfar	Inbid kif definit fl-Artikolu 1 (2) b tar-Regolament tal-Kunsill 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid(intestatura CCT: kodiċi CN ex 22.04) b'dikjarazzjoni ta' l-oriġini: "Côtes du Jura", "Arbois", "L'Etoile and Château-Chalon" fi fliexken kif definiti fl-Anness I punt 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 2002 li tistipola ċerti regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 fir-rigward tad-deskrizzjoni, dikjarazzjoni u preżentazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur ta' l-inbid.[33]
Inbid frizzanti;	Inbid kif definit fl-Artikolu 1 (2) b u fl-Anness I punti 15, 16, 17 u 18 tar-Regolament tal-Kunsill 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid (sub-intestatura CCT: 22.04.10).
Inbid Likoruż	Inbid kif definit fl-Artikolu 1 (2) b u fl-Anness I punti 14, 16, 17 u 18 tar-Regolament tal-Kunsill 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid (sub-intestatura CCT: 22.04.21- 22.04.29).
Inbid Aromatizzat	Xorb abbażi ta' l-inbid, kif definit fl-Artikolu 2(1) a tar-Regolament tal-Kunsill 1601/91/KEE li jistipola r-regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' xorb abbażi ta' nbid aromatizzat u cocktails minn prodotti ta' nbid aromatizzat[34] (Subintestatura CCT 22.05)
Spirti	Spirti kif definiti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill 1576/89 tad-29 ta' Mejju 1989jistipola r-regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' xorb spirituz[35] (Intestatura CCT 22.08)
Kafe li jinħall	Estratti tal-Kafe kif definiti f' punt (1) ta' l-Anness tad-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-estratti tal-kafe u taċ-ċikwejra[36]
Zokkor Abjad	Zokkor kif definit fl-Anness A (1), (2) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/111/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2001 dwar ċerti tipi ta' zokkor intiżi għall-konsum mill-bniedem[37].

4. KATEGORIJI TA' VOLUMI GĦALL-PRODOTTI MIBJUGĦA FL-*AEROSOLS*

Il-kategoriji hawn taħt japplikaw għall-prodotti kollha mibjugħa fl-*aerosols* bl-eċċezzjoni ta' ilmijiet aromatiċi, lozjonijiet tax-xahar, lozjonijiet ta' qabel u ta' wara t-tqaxxir li fihom anqas minn 3% tal-volum ta' żejt tal-fwieħa naturali jew sintetiku u anqas minn 70% tal-volum ta' alkoħol etiliku pur u ta' prodotti mediċinali.

---

32 ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1
33 ĠU L 272, tat-23.10.2003 p. 38
34 ĠU L 149, ta' l-14.7.1991, p. 1
35 ĠU L 160, tat-12.6.1989, p. 1
36 ĠU L 66, tat-13.3.1999, p. 26
37 ĠU L 10, tat-12.1.2002, p. 53

a. PRODOTTI MIBJUGĦA F'KONTENITURI TAL-METALL

VOLUM TAL-FAŻI LIKWIDA F'ML	KAPAĊITAJIET TAL-KONTENITURI F'ML GĦAL	
	Prodotti mħaddma bil-gass likwidu	(a) Prodotti mħaddma biss b'gassijiet ikkompressati (b) Prodotti mħaddma permezz ta' ossidu nitruż jew dijossidu karboniku waħdu jew taħlit tat-tnejn waħedhom meta l-prodott għandu koeffiċjenti Bunsen ta' 1.2 jew anqas
25	40	47
50	75	89
75	110	140
100	140	175
125	175	210
150	210	270
200	270	335
250	335	405
300	405	520
400	520	650
500	650	800
600	800	1 000
750	1 000	—

b. PRODOTTI MIBJUGĦA F'KONTENITURI TRASPARENTI U MHUMIEX

TAL-ĦĠIEĠ JEW TAL-PLASTIK (volum tal-fażi tal-likwidu f'ml):

25 — 50 — 75 — 100 — 125 — 150